MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2015

Numru 142/2012

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputata detentrici tal-karta tal-identita' numru 326246m, akkuzata talli fl-1 ta' Ottubru 2006, u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda:

i. ikkorrompiet lill-Jason Vassallo ufficjal jew impjegat pubbliku;
ii. irrendiet ruhha komplici ma' Jason Vassallo filli, fil-kapacita tieghu ta' ufficjal pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu, talab, ircieva, jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utili iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma kellux jedd;
iii. fl-istess cirkustanzi irrendiet ruhha komplici ma' Jason Vassallo filli fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet tieghu, ghamel jew naqas li jghamel xi att mhux imsemmi fit-Titolu III tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali, b'tghakis jew hsara ta' haddiehor.

Rat in-nota tal-Avukat Generali biex il-kawza tinstema' u tigi deciza minn dina l-Qorti:

Semghet ix-xhieda:

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Kontra Jason Vassallo li jissernma fil-korp tal-imputazzjonjiet rigwardanti l-imputata kienu wkoll ittiehdu proceduri bhala ko-imputat flimkien mal-imputata sakemm il-prosekuzzjoni kienet talbet separazzjoni tal-gudizzju li kienu waslu ghall-liberazzjoni definittiva tal-istess Vassallo. Bis-sentenza tal-lum sejra tigi deciza din il-kawza kontra l-gja ko-imputata li hija akkuzata ta' korruzzjoni tal-imsemmi Vassallo qua ufficjal pubbliku stante l-kariga tieghu dak iz-zmien ta' impiegat mad-dipartiment tat-taxxa fuq il-vaIur mizjud.

L-akkuzi joriginaw minn rapport li kien sar minn ex-impjegati tal-imputata lid-dipartiment tat-taxxa fuq il-valur mizjud, li kienu allegaw kontra l-imputata nuqqas li tiddikjara l-bejgh tan-negozju taghha lid-dipartiment ghall-finijiet tat-taxxa fuq il-vaIur mizjud u l-allegata kopertura li kien joffrilha l-ko-imputat Vassallo tramite rigali fi flus jew f'utili ohra.

Minn dan kollu ma rrisulta xejn.

L-imputata odjerna li kienet u ghada sal-lum l-proprjetarja u l-gestrici tal-fond kumrnercjali maghruf bhala 'Fontanella' fl-Imdina, ma rrisulta xejn fil-konfront taghha li kien hemm nuqqasijiet relatati mal-amministrazzjoni tat-taxxa fuq il-valur mizjud minn negozju li kien isir mill-imsernmi stabiliment. Pero' mhux biss billi l-imsemmi Vassallo gie definittivament iddikjarat b'sentenza, wkoll konfermata mill-Qorti tal-Appell, li ma kienx ikkorrompa jew ippermetta li jigi korrott jew li esiga flus jew hwejjeg ohra mhux konsentiti mill-ligi taht il-kappa tal-impieg tieghu. U allura, ghanda ragun id-difiza tissottometti li gja la darba hu pruvat li Vassallo ma giex korrott, necessarjament isegwi li ma jistax jikkonfigura l-komplici.

Dan ghandu jkun sufficjenti biex jiskaguna Iill-irnputata tal-akkuzi ta' komplicita' riportati kontra taghha.

Ghaldaqastant qeghdha tigi liberata minn kull htija u piena.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------